MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2013

Numru. 1116/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mohammed Anger Murad, ta` 24 sena, Nazzjonalita` Sirjana, imwieled f`Hama is-Sirja fl-1 ta` Jannar 1989, iben Ahmed u Suad. Residenti ic-Centru miftuh ta` Hal Far, Numru moghti mill-Pulizija 13V-064.

U

Omar Ali Madani ta` 25 sena, Nazzjonalita` Sirjana, imwieled f`Damascus is-Sirja fis-16 ta` April 1988, iben Ibrahim u Aisha, reisdenti ic-Centru miftuh ta` Hal Far, Numru moghti mill-Pulijzija 13V-110.

U

Alerheban Khaled, 18-il sena, Nazzjonalita` Sirjana, imwieled f`Damascus is-Sirja fl-1 ta` Frat 1995, iben Salim

u Sabah, residenti ic-Centru miftuh ta` Hal far, Numru moghti mill-Puluzija 13V-139.

U

Ommissis.

Talli;

Fit-8 ta` Novembru 2013 u fil-jiem ta` qabel f`dawn il-gzejjer iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f`karti ta` l-Identita`, jew uzaw jew kellhom fil-pussess taghhom, karti ta` L-Identita` li huma kienu jafu li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f`ismijiet ta; Clio Herono bin-numri SV070067, Ioannis Anastasiadis bin-numru AK233006, Sokratis Aslanidis bin-numru AK023246 u Dimitrios Vrachnos bin-numru AK223049 rispettivament.

Kif ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifkazzjoni ohra jew xjentement ghalu uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija.

Kif ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifkaw xi dokumenti jew kopji vera ta` dokuemnti jew registazzjonijiet maghmula skond l-att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti taghaw zmien xieraq sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom solennement dwar il-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni taghhom;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi bl-ammissjoni tal-imputati, din il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li ssibhom hatja u tghaddi minnufih ghas-sentenza, u ghaldaqstant tikkundanna lil:
Mohamed Anger Murad;
Omar Ali Madani;
Alerheban Khaled;
Ilkoll ghall-piena ta’ sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena ai termni ta` l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

U lil Omissis wahdu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmelx reat iehor fi zmien sena millum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------